KUNSILL LOKALI PAOLA

Il-Kunsill Lokali Paola jilqa' kwotazzjonijiet sa nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, f'nofsinhar għal servizzi relatati ma' attività li ser tittella' mill-Kunsill Lokali nhar is-Sibt, 14 ta' Novembru, 2026:

Storiku midħla ta' x'ġara ġewwa Paola fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija sabiex jipprepara script iddettaljat għal re-enactment;

Narratur sabiex jirrekordja l-iscript;

Re-enactment ta' żmien il-gwerra;

Muzikisti u soprano;

Sistema ta' sound;

Sistema ta' dawl li tinkludi generator;

Catering ħafif u xorb.

It-18 ta' Settembru, 2026

PAOLA LOCAL COUNCIL

Paola Local Council is receiving quotations up to Friday, 25 September, 2026 at noon for services related to an activity being organised by the Local Council on Saturday, 14 November 2026:

A historian with knowledge of what took place in Paola during the Second World War, to prepare a detailed script for a re-enactment;

A narrator to record the script;

Wartime re-enactment;

Musicians and a soprano;

A sound system;

A lighting system including a generator;

Light catering and drinks.

18th September, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2410

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fid-19 ta' Ġunju, 2026 fuq rikors ta' Associated Supplies Limited (C 2891) ġie iffissat il-jum tat-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2026 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30 am) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'kamra numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

A) Id-dar bin-numru ħamsa u erbgħin (45), bl-isem The Arches, bl-arja tagħha, fi Triq il-Gladjoli, San Ġwann, li hija soġġetta għall-ipoteka u privileġġ a favur tal-Awtorità tad-Djar bin-numru H6099/2010 u dana kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Keith Ryan Calleja datati 15 ta' April, 2010 u 19 ta' April, 2010, u stmat li jiswa' seba' mija u erbgħin elf ewro (€740,000)

B) Garaxx, mingħajr numru uffiċjali, però immarkat bin-numru 6, fi Triq il-Lunzjata, San Ġwann li jikkonsisti minn garaxx fil-livell tat-triq, mingħajr l-arja tiegħu sottostanti l-beni ta' terzi u dana kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Anthony Attard datat għoxrin ta' Jannar, tas-sena elf, disa' mija disgħa u tmenin (20.01.1989) u kuntratt ieħor datat it-tnejn u għoxrin ta' Marzu, tas-sena elf, disa' mija u disgħin (22.03.1990) u stmat li jiswa' erbgħa u disgħin elf ewro (€94,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mizzi Joseph (KI 426445M).

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 19th June, 2026, on the application of Associated Supplies Limited (C 2891), Tuesday, 13th October, 2026 at half past eleven in the morning (11:30am), has been fixed for the Sale by Auction to be held in room number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Republic Street, Valletta of the following property.

A) The house numbered number forty five (45), named The Arches, including its airspace, in Triq il-Gladjoli, San Ġwann, as subject to the hypotech and privilege in favour of the Housing Authority with number H6099/2010 and as better described in the acts of Notary Keith Ryan Calleja dated the 15th April, 2010 and 19th April, 2010 and is valued at seven hundred and forty thousand euro (€740,000)

B) The garage, without official number, however marked number 6, in Triq il-Lunzjata, San Ġwann, consisting from a street level garage, without its airspace, underlying third party property, and as better described in the acts of Notary Anthony Attard dated the twentieth of January, of the year nineteen hundred and eighty nine (20.01.1989) and another contract dated the twenty second of March, of the year nineteen hundred and ninety (22.03.1990) and is valued at ninety four thousand euro (€94,000)

The said tenement is the property of Mizzi Joseph (ID 426445M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 31/2025.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 15 ta' Settembru, 2026.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 31/2025.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 15th September, 2026.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2411

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Numru 77/2026AGV fl-ismijiet Anthony John Spiteri vs Theodora sive Doreen Spiteri, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Theodora sive Doreen Spiteri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Anthony John Spiteri (KI 0393203L) vs Theodora sive Doreen Spiteri (KI 0334261M) fl-atti tar-rikors Numru 77/2026AGV, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-20 ta' Frar, 2026, ir-rikorrenti Anthony John Spiteri (KI 0393203L) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju u/jew l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati fi żmien imħolli għalhekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u/jew bil-ħall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-reġistru pubbliku.

Il-kawża fl-ismijiet Anthony John Spiteri vs Theodora sive Doreen Spiteri (Rik Nru 77/2026AGV) hija differita għat-23 ta' Settembru, 2026 fid-9.00 a.m.

Rikorrenti: Anthony John Spiteri – 65 Ervil Court, Flat 4, Triq Ġuże Ellul, Gwardamanġa, Tal-Pietà.

Notifika – Theodora sive Doreen Spiteri Sea Breeze Mans Blk 5, Flat 10, Triq Manwel Magro, iż-Żebbuġ, Għawdex.

Reġistru tal-Qrati Civili (Sezzjoni Familja), illum 15 ta' Settembru, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 3rd June, 2026 of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Anthony John Spiteri vs Theodora sive Doreen Spiteri, application number 77/2026AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Theodora sive Doreen Spiteri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of an application in the records of the application Number 77/2026AGV in the names Anthony John Spiteri (ID 0393203L) vs Theodora sive Doreen Spiteri (ID 0334261M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 20th February 2026, the applicant Anthony John Spiteri (ID 0393203L) requested this Honourable Court to:

1. To pronounce the divorce and/or dissolution of marriage between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the divorce and/or dissolution of marriage of the parties so that this is registered in the Public Registy.

The application in the names Anthony John Spiteri vs Theodora sive Doreen Spiteri, application number 77/2026AGV has been postponed for hearing to the 23rd September, 2026 at 9.00 a.m.

Applicant: Anthony John Spiteri – 65 Ervil Court, Flat 4, Triq Ġuze Ellul, Gwardamanġa, Tal-Pietà.

Notification – Theodora sive Doreen Spiteri Sea Breeze Mans Blk 5, Flat 10, Triq Manwel Magro, Żebbuġ, Għawdex.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today, 15th September, 2026,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2412

B'digriet tal-21 ta' Awwissu, 2026, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12)

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-23 t'April, 2026 minn HSBC Bank Malta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C3177 Subbasta bin-numru 21/2026 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc (C 3177) vs Charles Portelli (KI 276089M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-fond, ossia mezzanin, bin-numru sebgħa u tletin (37), fi Triq l-Għaqda, Ħal Qormi, inkluż l-arja tiegħu, liberu u frank, bil-pertinenzi u drittijiet kollha tiegħu.

Din il-proprjetà inbniet flok l-arja akkwistata mill-istess Charles Portelli permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Awwissu, tas-sena elf, disa' mija, sebgħa u disgħin (1997) fl-atti tan-Nutar Antoine Agius.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Charles Portelli (KI 276089M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 15 ta' Settembru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 21st August, 2026, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 23rd April, 2026 by HSBC Bank Malta plc with the registration number C3177, Judicial Sale file number 21/2026 in the names HSBC Bank Malta plc (C 3177) vs Charles Portelli (ID 276089M) is being asked that the Court orders the sale by auction of:

The tenement, that is, a maisonette, numbered number thirty seven (37), in Triq l-Għaqda, Ħal Qormi, including its airspace, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances.

This property was built instead of the airspace acquired by the same Charles Portelli by means of a donation contract dated the twenty ninth (29) of August, of the year nineteen hundred and ninety seven (1997) in the acts of Notary Antoine Agius.

The said property belongs to Charles Portelli (ID 276089M).

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 15th September, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2413

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, mill-Prim'Awla, fis-7 ta' Awwissu, 2026, fl-atti tar-rikors ġuramentat 372/2026RM, fl-ismijiet: Bajja Developments Limited vs Alan Camilleri, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12 biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-konvenut.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Bajja Developments Limited (C-13819) vs Alan Camilleri (KI 87673M), ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' April, 2026, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li bil-mod kif ġiet żviluppata l-proprjetà tal-intimat, din tivvjola d-drittijiet propjetarji tas-soċjetà rikorrenti;

2. Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħmel dawk ix-xogħlijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 7th August, 2026, in the records of the sworn application 372/2026RM, in the names: Bajja Developments Limited vs Alan Camilleri, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12 for the purpose of service of the defendant.

By means of an application in the names: Bajja developments Limited (C-13819) vs Alan Camilleri (KI 87673M), filed in the Civil Court, First Hall, on the 14th April, 2026, the applicant humbly prays this Honourable Court:

1. Declare that in the manner in which the property of the respondent was developed, this violates the property rights of the applicant company;

2. Order the respondent so that within a short and peremptory period he carries out those works that this

li hemm bżonn sabiex il-proprjetà tal-intimat u l-intimat innifsu ma jibqgħux jivvjolaw id-drittijiet propjetarji tar-rikorrenti;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti, fin-nuqqas li l-intimat jottempra ruħu entro t-termini li ser tipprefiġġi l-Qorti, tagħmel ix-xogħlijiet skont it-tieni talba a spejjeż tal-intimat.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

B'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fil-liġi.

Ir-rikors ġuramentat numru 372/2026RM, fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa differit għall-24 ta' Settembru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika:

Alan Camilleri – 64, Triq il-Kbira, Ħal Balzan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 15 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Honourable Court deems necessary so that the property of the respondent and the respondent himself do not continue to violate the property rights of the applicant;

3. Authorise the applicant, in default that the respondent abides within the time that the Court shall fix, to carry out the works according to the second demand at the expense of the respondent.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Saving any further action due to the applicants at law.

The sworn application number 372/2026RM, in the names above mentioned is put off to the 24th September, 2026, at 9.30 a.m.

Notification:

Alan Camilleri – 64, Triq il-Kbira, Ħal Balzan

Registry of the Superior Courts, today, 15th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2414

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fis-26 ta' Awwissu, 2026, fl-Atti tar-rikors ġuramentat 1041/2025JPG, fl-ismijiet Anthony Camilleri sive Ninu et vs Saviour sive Salvu Camilleri, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kapitolu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Anthony Camilleri sive Ninu (KI 105854M) et vs Saviour sive Salvu Camilleri (KI 630253M), ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fl-10 ta' Ottubru, 2025, l-esponent jgħid l-intimat l-għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat fil-vesti tiegħu ta' użufruttwarju, m'għamilx użu tajjeb mill-fond li huwa qiegħed f'komproprjetà flimkien mar-rikorrenti, u ċioè l-fond numru 38, Triq Sant' Andrija, Birżebbuġa, Malta, billi gravement naqas mill-obbligi legali tiegħu;

2. Tiddikjara li in vista li għal aktar minn ħamsa u għoxrin (25) sena l-intimat naqas li jagħmel it-tiswijiet ordinarji u l-manutenzjoni meħtieġa, ikkawża danni materjali lill-istess fond, bir-riżultat li naqqas il-valur li tali fond iġib fis-suq, b'dan li kkawża danni pekunjarji lill-istess rikorrenti li għandhom in-nuda proprjetà tal-istess fond;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 26th August, 2026, in the records of the sworn application 1041/2025JPG, in the names Anthony Camilleri sive Ninu et vs Saviour sive Salvu Camilleri, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Anthony Camilleri sive Ninu (KI 105854M) et vs Saviour sive Salvu Camilleri (KI 630253M), filed in the Civil Court, First Hall, on the 10th October 2025, the applicant States the respondent why this Court should not:

1. Declare and decide that the respondent in his usufructuary, did not make good use of the premises he is in co-ownership together with the applicant, and namely the premises number 38, Triq Sant 'Andrija, Birżebbuġa, Malta, as he gravely failed in his legal obligations;

2. Declare that in view that for more than twenty five (25) years the respondent failed to carry out the ordinary repairs and maintenance required, caused material damages to the same premises, with the result that he reduced the value that such premises bring on the market, thus causing pecuniary damages to the same applicants who have the nude property of the same premises;

3. Tordna lill-intimat sabiex bl-għajnuna ta' perit nominandi, l-intimat jagħmel dawk ix-xogħlijiet infrastrutturali urġenti u ta' komunikazzjoni li huma neċessarji fil-fond msemmi hawn fuq, altrimenti tiffissa ammont ekwivalenti li għandu jivversa lill-atturi f'danni;

4. Tiddikjara l-użufrutt xolt u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju irodd lura l-pussess battal tal-fond mertu ta' din il-kawża, wara li jitneħħa l-periklu infrastrutturali li potenzjalment hemm, sabiex il-fond ikun jista' jitpoġġa fuq is-suq u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet f'din il-kawża;

5. Tagħti dawk il-provvedimenti li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ din l-Onorabbli Qorti tħoss li huma xierqa.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u din il-kawża intiera, li kollha għandhom ikunu a karigu tal-intimat.

Ir-rikors ġuramentat numru 1041/2025JPG, fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa differit għat-8 ta' Ottubru, 2026, fil-11.15 a.m.

Notifika:

Saviour Camilleri – 'Farmhouse', Triq Tal-Papa, Birżebbuġa, Malta u/jew żewġ kmamar f'għalqa, Triq il-Qoton (entrance from Triq il-Ġebel), Birżebbuġa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 15 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Order the respondent so that with the help of a nominated architect, the respondent carries out those urgent infrastructural and communication works which are necessary in the premises mentioned above, otherwise fix an equivalent amount which he shall pay to the plaintiffs in damages;

4. Declare the dissolved usufruct and consequently order the respondent so that within a short and peremptory period he returns the vacant possession of the premises merit of this cause, after the removal of the potential infrastructural danger, so that the premises can be put on the market and the proceeds be divided equally between the parties in this cause;

5. Give those provisions that in the particular circumstances of the case this Honourable Court deems fit.

With costs of this present and this whole cause, which are all to be borne by the respondent.

The sworn application number 1041/2025JPG, in the names above mentioned is put off to the 8th October, 2026, at 11.15 a.m.

Notification:

Saviour Camilleri – 'Farmhouse', Triq Tal-Papa, Birżebbuġa, Malta u/jew żewġ kmamar f'għalqa, Triq il-Qoton (entrance from Triq il-Ġebel), Birżebbuġa

Registry of the Superior Courts, today, 15th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2415

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, mill-Prim'Awla, fid-19 ta' Mejju, 2026, fl-atti tar-rikors ġuramentat 224/2026CG, fl-ismijiet: HSBC Bank Malta plc vs Michael Callus, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12 biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-konvenut.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: HSBC Bank Malta plc (C 3177) vs Michael Callus (KI 228692), ippreżentata fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fit-12 ta' Marzu, 2026, il-bank attur jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut Michael Callus huwa debitur tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' mitejn, tnejn u tmenin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€282,445.12), oltre l-imgħaxijiet legali, u konsegwentement;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 19th May, 2026, in the records of the Sworn application 224/2026CG, in the names: HSBC Bank Malta plc vs Michael Callus, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12 for the purpose of service of the defendant.

By means of an application in the names: HSBC Bank Malta plc (C 3177) vs Michael Callus (ID 228692), filed in the Civil Court, First Hall, on the 12th March 2026, the plaintiff bank prays this Honourable Court:

1. Declare that the defendant Michael Callus is a debtor of the plaintiff Bank in the global sum of two hundred eighty two thousand, four hundred forty five euro and twelve cents (€282,445.12), besides legal interest, and consequently;

2. Tikkundanna lill-konvenut Michael Callus iħallas lis-soċjetà rikorrenti HSBC Bank Malta plc is-somma ta' mitejn, tnejn u tmenin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€282,445.12), oltre l-imgħaxijiet legali dovut.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali surreferita kontra l-intimat, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ir-rikors ġuramentat numru 224/2026CG, fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa differit għat-12 ta' Ottubru, 2026 fl-10.00 a.m.

Notifika:

Michael Callus – Lowndes Park, Blk A, Flat 7, Triq Alfred Gauci, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 15 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Condemn the defendant Michael Callus to pay the applicant company HSBC Bank Malta plc the sum of two hundred eighty two thousand, four hundred forty five euro and twelve cents (€282,445.12), besides legal interest due.

With all costs, including those of the judicial letter above mentioned against the respondent, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The sworn application number 224/2026CG, in the names above mentioned is postponed to 12th October, 2026 at 10.00 a.m.

Notification:

Michael Callus – Lowndes Park, Blk A, Flat 7, Triq Alfred Gauci, San Ġiljan

Registry of the Superior Courts, today, 15th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2416

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-16 ta' Settembru, 2026, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fis-16 ta' Settembru, 2026 ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lis-sidien mhux magħrufa tar-raba magħruf bħala 'Tar-Ramla', limiti tan-Nadur, Għawdex fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 359/2026 FG fl-ismijiet "John Camilleri (Karta tal-Identità numru 53529G) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa tar-raba magħruf bħala 'Tar-Ramla', limiti tan-Nadur, Għawdex", liema ċedola ġiet ippreżentata fid-9 ta' Settembru, 2026 fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Iċ-Ċedola taqra hekk:

Jesponi bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 16th of September, 2026, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

By a decree given on the 16th of September, 2026 it was ordered that a deputy curator be appointed in accordance with the law to represent the unknown owners of the agricultural land known as 'Tar-Ramla', in the limits of Nadur, Gozo, in the acts of the proceedings concerning the schedule of deposit bearing number 359/2026 FG in the names "John Camilleri (Identity Card number 53529G) vs Deputy Curators to represent the unknown owners of the agricultural land known as 'Tar-Ramla', in the limits of Nadur, Gozo" which schedule was filed on the 9th of September, 2026 in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all other related and subsequent acts.

The Schedule reads as follows:

Respectfully submits:

Illi huwa jikri biċċa raba magħrufa bħala 'tar-Ramla', fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, u dan versu l-kera ta' erba' ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€4.66) fis-sena b'lura, liema kera kienet titħallas lil Michael Zerafa għan-nom tal-familja Mizzi u li però l-esponent m'għad għandu l-ebda kuntatt miegħu;

Illi hija dovuta lill-intimati s-somma ta' tnejn u tletin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€32.62) għall-iskadenzi tal-ħmistax (15) t'Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), tal-ħmistax (15) t'Awwissu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), tal-ħmistax (15) t'Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), tal-ħmistax (15) t'Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), tal-ħmistax (15) t'Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), tal-ħmistax (15) t'Awwissu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u tal-ħmistax (15) t'Awwissu tas-sena elfejn u sitta u għoxrin (2026), liema kera mhix qed titħallas lis-sidien peress li dawn mhumiex magħrufa lill-esponenti;

Għaldaqstant l-esponenti sabiex jeżimi ruħu minn kull responsabilità taħt il-Liġi, jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożita s-somma ta' tnejn u tletin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€32.62), sabiex din tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-intimati wara li titħalla rċevuta skond il-Liġi.

(ft) Av. Rita Mifsud
6, Pjazzetta fuq it-Tomba,
ir-Rabat, Għawdex

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għal daqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dottor Franca Giordmaina LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, 16 ta' Settembru, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

That he rents a plot of agricultural land known as 'Tar-Ramla', in the limits of Nadur, Gozo, at an annual rent of four euro and sixty-six cents (€4.66) payable in arrears, which rent used to be paid to Michael Zerafa on behalf of the Mizzi family and that however the applicant no longer has any contact with him;

That the sum of thirty-two euro and sixty-two cents (€32.62) is due to the respondents in respect of the due dates of the fifteenth (15th) of August of the year two thousand and twenty (2020), of the fifteenth (15th) of August of the year two thousand and twenty-one (2021), of the fifteenth (15th) of August of the year two thousand and twenty-two (2022), of the fifteenth (15th) of August of the year two thousand and twenty-three (2023), of the fifteenth (15th) of August of the year two thousand and twenty-four (2024), of the fifteenth (15th) of August of the year two thousand and twenty-five (2025) and of the fifteenth (15th) of August of the year two thousand and twenty-six (2026), which rent is not being paid to the owners as they are unknown to the applicants;

Therefore, in order to absolve himself of all liability under the law, the applicant is having recourse to this Honourable Court and, under its authority, deposits the sum of thirty-two euro and sixty-two cents (€32.62), so that this amount may be freely withdrawn by the respondents upon the issuance of a receipt in accordance with the law.

(sgd) Adv. Rita Mifsud
6, Pjazzetta fuq it-Tomba,
Victoria, Gozo

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that they so accept.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Doctor Franca Giordmaina LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

This 16th of September, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur,
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar,
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2417

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-19 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 478/2026AD, fl-ismijiet: Daniel Alin Cordos vs Maria Alina Cordos, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap 12 biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimata.

Permezz ta' Rikors fl-ismijiet: Daniel Alin Cordos (47022L) vs Maria Alina Cordos (36886A) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-11 ta' Mejju, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Previa okkorrendo dikjarazzjoni illi b'effett tal-ħall taż-żwieġ tal-kontendenti, il-kommunjoni tal-akkwisti illi bdiet fi-sseħħ meta l-kontendenti bdew joqogħdu Malta, waqfet u spiċċat hekk kif ġie maħlul iż-żwieġ tagħhom kif ingħad, tiddikjara u tiddeċiedi li l-ġid kollu komuni tal-kontendenti ġej kif ingħad aktar 'l fuq, mobiljarju u mmobiljarju, korporali u inkorporali, ġewwa Malta u r-Rumanija qabel formanti l-komunjoni ossia kommunjonijiet ta' ġid eżistenti bejn il-kontendenti, inkluż allura l-pretenzjonijiet ta' ħlas tal-isess kommunjoni kontra l-istess kontendenti jew min minnhom u kif ukoll kontra t-terzi, jappartjeni lill-istess kontendenti komunament u ugwalment u għandu jiġi maqsum bejniethom f' ishma indaqs.

2) Tillikwida dan il-ġid prevja okkorendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

3) Tordna il-qasma tal-istess ġid bejn il-kontendenti billi tordna li l-istess ġid jiġi maqsum u diviż f' żewġ (2) porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti liema porzjonijiet illi jiġu assenjati waħda lill-attur u l-oħra lill-istess konvenuta billi, okkorrendo għall-finijiet ta' din it-talba, jiġi nominat perit biex jipproponi pjan u skeda ta' diviżjoni, nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż, magħqudin dawk tal-ittra bonarja tat-tletin (30) ta' Marzu, elfejn sitta u għoxrin (2026) u tal-att kawtelatorju marbut ma' din il-kawża, kontra l-konvenuta li hija minn issa nġuna biex tidher għas-subizzjoni.

B'riserva ta' kull dritt t' azzjoni ulterjuri spettanti lill-istess attur.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall on the 19th June, 2026, in the records of the Sworn application 478/2026AD, in the names: Daniel Alin Cordos vs Maria Alina Cordos, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap 12 for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Daniel Alin Cordos (47022L) vs Maria Alina Cordos (36886A) filed in the Civil Court First Hall on the 11th May, 2026, the applicants asked this Honourable Court so that:

1) Saving, if necessary, a declaration that as a result of the dissolution of the marriage of the parties, the Community of acquests which started to take effect when the parties started to live in Malta, stopped and ended as soon as their marriage was dissolved as stated, declares and decides that all the common good of the parties is as stated above, movable and immoveable, corporate and incorporated, in Malta and Romania before forming the Community or rather Community of things existing between the parties, including thus the pretensions of payment of the said Community against the same parties or either of whom as well as against third parties, belongs to the same parties in common and equally and is to be divided between them in equal shares.

2) Liquidate this property saving if necessary by the appointment of architects and experts.

3) Order the partition of the same property between the parties by ordering that the same property be divided into two (2) compound portions as ordered and established by this Court which portions are assigned one to the plaintiff and the other to the same defendant by, if necessary for the purposes of this demand, appoint an architect to propose a plan and schedule of division, a notary to receive the relative deed and a curator to represent the eventual defaulter on the same deed.

With costs, together with those of the consensual letter of the thirty (30) March, two thousand twenty six (2026) and of the precautionary act related to this cause, against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Saving any right of further action due to the same plaintiff.

Ir-rikors ġuramentat numru 478/2026AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għas-6 t' Ottubru, 2026 fid-9.35 a.m.

Notifika: Maria Alina Cordos – 73, Flat 14, Triq ix-Xatt, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 16 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The sworn application number 478/2026AD in the names mentioned above is postponed to the 6th October, 2026 at 9.35 a.m.

Notify: Maria Alina Cordos – 73, Flat 14, Triq ix-Xatt, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today, 16th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2418

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fis-6 ta' Lulju, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) fil-konfront ta' Carmelo Grixti (21548M).

Permezz ta' Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 870/2026CG ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-8 ta' Ġunju, 2026, fl-ismijiet Josephine Snoussi (198884M) u Abdellaziz Snoussi (22718A) vs Carmelo Grixti (21548M). Ir-rikorrenti talbu illi l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi "inter vivos" sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, jipoteka jew b'xi mod iehor itaqqal xi proprjetà b'piżijiet, djun, ipoteki, u/jew garanziji oħra favur terzi u b'kull mod ieħor u bl-aktar mod ampju jgħati drittijiet kemm reali kif ukoll personali u milli jagħti taħt kull titolu l-pussess tal-proprjetà lil terzi, u b'mod partikolari kull interess li l-intimat għandu fuq id-dar "Magejz", Triq il-Bikri, Ħaż-Żabbar, inkluż l-garaxx anness magħha, u formanti parti integrali mill-imsemmija proprjetà li hija mibnija fuq plot numru disa' (9) mill-art imsejjħa "tal-Ħofra", u tikkonfina mill-punent mat-triq imsemmija, mit-Tramuntana ma' beni tal-familja Borg, jew aventi kawża minnha, u minn Nofsinhar ma' beni ta' Joseph Drago jew aventi kawża minnu.

Illi dan il-mandat għandu jiġi milqugħ provviżorjament.

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 870/2026CG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għall-24 ta' Settembru, 2026, fil-12.15 p.m.

By a decree of the Civil Court, First Hall, of the 6th July, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12) on the respondent Carmelo Grixti (21548M).

By means of an application for the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction number 870/2026CG filed in the First Hall Civil Court, on the 8th June, 2026, in the names Josephine Snoussi (198884M) and Abdellaziz Snoussi (22718A) vs Carmelo Grixti (21548M). The applicants asked that the Honourable Court orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction against the respondent in order to be witheld from selling, alienating, transferring "inter vivos" whether by onerous or gratuitous title, hypothecating or in any other manner burdening any property with burdens, debts, hypothecs, and/or other guarantees in favour of third parties and in any other manner and in the most ample granting both real and personal rights and from giving under any title the possession of the property to third parties, and in particular any interest that the respondent has on the house "Magejz", Triq il-Bikri, Ħaż-Żabbar, including the garage annexed thereto, and forming an integral part of the said property' which is built on plot number nine (9) of the land known as "Tal-Ħofra", and bounded from the west by the said street, from the north with property of family Borg, or successors in title thereof, and from the south with property of Joseph Drago or successors in title thereof.

That this warrant should be provisionally upheld.

That the applicant shall be prejudiced if the respondent company is not inhibited as stated.

Thus the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondent company.

The Warrant of Prohibitory Injunction number 870/2026CG in the names mentioned above is postponed to the 24th September, 2026, at 12.15 p.m.

Notifika Intimat:

Carmelo Grixti (21548M), "Magejz", Triq il-Bikri, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qorti Ċivili illum, 16 ta' Settembru, 2026.

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification respondent:

Carmelo Grixti (21548M), "Magejz", Triq il-Bikri, Ħaż-Żabbar

Registry of the Civil Court today, 16th September, 2026.

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2419

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 t'Awwissu, 2026, fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 430/2026MH, fl-ismijiet: Nutar John Cachia Zammit et vs Av Dott. Matthia Felice u PL Gerald Bonello. Ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenru tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kapitlu 16, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: In-Nutar John Cachia Zammit (482558M) u Kathryn Gambin (68757M) vs Av Dott. Matthia Felice u PL Gerald Bonello kuraturi deputati għal sidien mhux magħrufa fit-titolu, sabiex jirrappreżentaw suċċessuri tal-mejjet Angelo Caruana, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-27 t' April, 2026, permezz ta' rikors konġunt ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16, tan-Nutar John Cachia Zammit et bir-rispett jesponu:

1) Illi r-rikorrenti flimkien ma' sidien mhux magħrufa huma kompropjetarji tad-dar bl-arja libera tagħha, numru tnejn u disgħin (92), bl-isem ta' Ġesu' Redentur, Triq il-Kbira (xi drabi ukoll indikata bħala Main Street), iż-Żejtun, soġġetta għal piż piju annwu u perpetwu ta' ħamsa u għoxrin ewro, libera u franka minn kull ħaġa oħra, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, hekk kif deskritta aħjar fl-iskrittura ossia l-konvenju datat l-14 ta' April 2026 anness u mmarkat bħala Dok A.

2) Illi l-kontendenti huma aħwa u għandhom tnejn u għoxrin minn erbgħa u ħamsin ishma (22/54) indiviżi kull wieħed. Dan jagħmilhom sidien kumplessivament ta' tnejn u għoxrin minn sebgħa u għoxrin ishma (22/27) indiviżi tal-intier tal-propjetà hawn deskritta, kif jirriżulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bħala Dok B.

3) Illi r-rikorrenti għandhom tnejn u għoxrin minn sebgħa u għoxrin ishma (22/27) indiviżi tal-intier tal-propjetà u għalhekk għandhom aktar minn nofs mitlub mill-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4) Illi s-sehem ta' tnejn u għoxrin minn sebgħa u għoxrin ishma (22/27) indiviżi tal-intier tal-propjetà għadda fuq ir-rikorrenti mill-eredità tal-ġenituri tagħhom, u ċioè mingħand it-Tabib Alexander Cachia Zammit li miet fit-30 ta' Lulju, 2014 u mingħand Dolores sive Doris Cachia Zammit li

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 19th August, 2026, in the records of the Sworn application number 430/2026MH, in the names: Notary John Cachia Zammit et vs Av Dr Matthia Felice and PL Gerald Bonello. The following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Chapter 16, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Notary John Cachia Zammit (482558M) and Kathryn Gambin (68757M) vs Av Dr Matthia Felice and PL Gerald Bonello deputy curators for unknown owners in title, to represent successors of the late Angelo Caruana, filed in the Civil Court First Hall on the 27th April, 2026, by means of a joint application in terms of Article 495A of Chapter 16, of Notary John Cachia Zammit et respectfully pleaded:

1) That the applicants together with unknown owners are the co-owners of the house with its airspace, number ninety two (92), with the name Ġesu' Redentur, Triq il-Kbira (sometimes also indicated as Main Street), Żejtun, subject to an annual and perpetual Pius weight of twenty five euro, free and unencumbered from anything else, with all its rights and appurtenances, as better described in the agreement or rather the preliminary agreement dated 14th April 2026 attached and marked as Doc A.

2) That the parties are siblings and have twenty two of fifty four (22/54) undivided shares each. This makes them owners of twenty two out of twenty seven (22/27) undivided shares of the whole property described herein, as results from the prospectus here attached and marked as Doc B.

3) That the applicants have twenty two out of twenty seven (22/27) undivided shares of the whole property and thus they have more than half demanded by Article 495A of Chapter 16 of the Laws of Malta.

4) That the share of twenty two out of twenty seven (22/27) undivided shares of the whole property passed on to the applicants from the inheritance of their parents, and namely from doctor Alexander Cachia Zammit who died on the 30th July, 2014 and from Dolores sive Doris Cachia

mietet fl-4 ta' Marzu, 2016. Il-ġenituri tar-rikorrenti kienu ilhom sidien tas-sehem ta' tnejn u għoxrin minn sebgħa u għoxrin ishma (22/27) indiviżi tal-intier tal-propjeta' sa' mis-sena 1980.

5) Illi r-rimanenti sehem ta' ħamsa minn sebgħa u għoxrin ishma (5/27) jinkludi kwalunkwe kwota indiviża u illikwida tal-propjeta' imsemmija li missier ir-rikorrenti aħwa Cachia Zammit kien xtara u akkwista mingħand Nazzarena Mifsud u oħrajn in forza ta' kuntratt relattiv fl-atti tan-Nutar Dott. Rober Girard tad-19 ta' Novembru, 1959, u salv għal istess kwota indiviża u illikwida fuq imsemmija, il-kumplament tal-ħamsa minn sebgħa u għoxrin ishma (5/27) indiviżi huma ta' sidien mhux magħrufa eredi tal-mejjet Angelo Caruana.

6) Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li sabu l-bejgħ ta' din il-propjetà fl-intier tagħha b' konvenju datat l-14 ta' April, 2026 li flimkien obbligaw li jbiegħu u jitrasferixxu l-propjetà fuq imsemmija, bl-aċċetazzjoni tal-kompraturi li r-responsabbiltà tar-rikorrenti naxxenti minn dan il-konvenju hija limitata għall-imsemmija tnejn u għoxrin minn sebgħa u għoxrin ishma (22/27) indiviżi, bil-prezz kif indikat fil-konvenju li huwa prezz ġust u reali skont rapport tal-Perit Karys Schembri datat is-6 ta' Marzu, 2026 hawn anness u mmarkat bħala Dok C.

7) Illi in oltre dan il-bejgħ huwa soġġett li r-rikorrenti jiksbu l-permess ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-eżekuzzjoni tal-istess konvenju fit-totalita tal-propjeta' in kwistjoni kif maħsuba fl-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

8) Illi r-rikorrenti qegħdin jannettu l-prospett, li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom għandu, Dok B.

9) Dan il-bejgħ mhuwiex ta' preġudizzju għar-rimanenti sidien mhux magħrufa stante li l-prezz tal-bejgħ huwa dak ġust u reali skont is-suq. Għalhekk jeżistu l-elementi kollha mitluba mill-Artikolu 495A tal-Kap 16 sabiex din il-Qorti tawtorizza il-bejgħ tal-propjeta' sħiħa tal-istess dar bin-numru tnejn u disgħin (92) bl-isem ta' Ġesu' Redentur, Triq il-Kbira (xi kultant anke riferuta bħala Main Street), iż-Żejtun.

10) Il-bilanċ mir-rikavat ossia s-sehem ta' ħamsa minn sebgħa u għoxrin ishma (5/27) għandu jiġi depożitat fir-reġistru tal-Qorti a benefiċċju tas-sidien injoti.

Jgħidu l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex din l-Onorabbli Qorti m' għandhiex;

1) Tordna l-bejgħ tad-dar bin-numru tnejn u disgħin (92) bl-isem ta' Ġesù Redentur, Triq il-Kbira (xi kultant anke

Zammit who died on the 4th March, 2016. The applicants' parents had been owners of the share of twenty two out of twenty seven (22/27) undivided shares of the whole property since the year 1980.

5) That the remaining share of five out of twenty seven shares (5/27) includes any undivided and illiquid share of the property mentioned which the father of the applicant siblings Cachia Zammit had bought and acquired from Nazzarena Mifsud and others in virtue of a relative contract in the records of Notary Dr Rober Girard of the 19th November, 1959, and saving the same undivided and illiquid share above mentioned, the remaining five out of twenty seven (5/27) undivided shares are of unknown owners heirs of the late Angelo Caruana.

6) That the applicants declare that they found the sale of this property in its entirety by means of a preliminary agreement dated 14th April, 2026 which together obliged them to sell and transfer the property above mentioned, with the acceptance of the purchasers that the responsibility of the applicants resulting from this preliminary agreement is limited to the said twenty two out of twenty seven (22/27) undivided shares, with the price as indicated in the preliminary agreement which is a fair and real price according to a report of Architect Karys Schembri dated 6th March, 2026 here attached and marked as Doc C.

7) That furthermore this sale is subject that the applicants obtain the permission of this Honourable Court to order the execution of the same preliminary agreement in the totality of the property in question as envisaged in Article 495A of Chapter 16 of the Laws of Malta.

8) That the applicants are attaching the prospectus, which shows the number and value of the shares that each of them has, Doc B.

9) These sales are not prejudicial to the remaining unknown owners since the sale price is fair and real according to the market. Thus there exist all the elements demanded by Article 495A of Cap 16 so that this Court authorises the sale of the whole property of the same house with number ninety two (92) with the name of Jesus Redeemer, Triq il-Kbira (sometimes referred to as main Street), Żejtun.

10) The balance of the proceeds or rather the share of five out of twenty seven (5/27) shares shall be deposited in the registry of the Court for the benefit of the unknown owners.

The respondents are to state saving any necessary and opportune declaration and for the reasons premised why this Honourable Court should not;

1) Order the sale of the house with number ninety two (92) with the name of Ġesù Redentur, Triq il-Kbira (sometimes

riferuta bħala Main Street), iż-Żejtun, kif aħjar deskritta fl-iskrittura ossia l-konvenju datat l-14 ta' April, 2026, u taħt il-kundizzjonijiet u l-pattijiet hemmhekk miftehma, u/jew taħt il-kundizzjonijiet li jogħġobha timponi dina l-Onorabbli Qorti.

2) Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jippubblika kopja tar-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali ta' kuljum.

3) Tinnomina lin-Nutar Dott. Reuben Debono jew Nutar ieħor sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment opportun u jagħmel kwalunkwe att u/jew applikazzjoni oħra neċessarja jew aċċessorja.

4) Tistabbilixxi jum, ħin, u lok għal pubblikazzjoni tal-att notarili opportun.

5) Taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw eventwali kontumaċja fuq l-att tal-bejgħ u/jew fuq kwalunkwe att u/jew applikazzjoni oħra neċessarja jew aċċessorja.

6) Tagħti dawk l-ordnijiet meqjusa neċċessarju u opportuni skont iċ-ċirkustanzi.

Ir-rikors ġuramentat numru 430/2026MH fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għat-5 t'Ottubru 2026, fil-11.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 16 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

also indicated as Main Street), Żejtun, as better described in the writing or rather the preliminary agreement dated 14th April 2026, and under the conditions and terms therein agreed, and/or under the conditions that this Honourable Court deems fit to impose.

2) Order the Registrar of Courts to publish a copy of the application in the Government Gazette and a local daily newspaper.

3) Nominates Notary Dr Reuben Debono or another Notary to publish the opportune deed of transfer and make any other necessary or ancillary deed and/or application.

4) Fix a day, time and place for the publication of the opportune notarial deed.

5) Appoint deputy curators to represent the eventual defaulter on the deed of sale and/or on any other necessary or ancillary deed and/or application.

6) Give those orders deemed necessary and opportune according to the circumstances.

The Sworn application number 430/2026MH in the names mentioned above is postponed to the 5th October, 2026, at 11.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 16th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2420

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-24 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Kontro-Talba numru 505/2025RM fl-ismijiet: Sammut Marine Limited vs Fortina Contracting Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimati.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Sammut Marine Limited (C 82608) vs Fortina Contracting Limited (C 82698) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-25 ta' Frar, 2026, is-soċjetà rikonvenzjonata tablet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-vertenza billi tiddeċiedi minn mis-soċjetà Sammut Marine Limited jew il-Perit Dott. Edwin Mintoff (jew id-ditta tiegħu EM Architects), għandu dritt jiżbanka s-somma depożitati taħt l-Awtorità ta' din

